MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1707/2003

**Charles Mercieca & Co. Ltd.**

**vs**

**Future Furniture Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Settembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u tletin lira Maltija (Lm930.00), rapprezentanti import ta' zewg cekkijiet bin-numri 975 u 976 datati 2 ta' Mejju, 2003 u 15 ta' Mejju, 2003 rispettivament, fl-ammont ta' erba' mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm465.00) kull wiehed, liema cheques ma gewx onorati mill-Bank;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 26 ta' Lulju, 2003, u bl-imghax legali mid-data ta' kull cheque rispettiv sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut, fl-14 t'Ottubru, 2003.**

**Ra li r-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta baqghu ma dehrux.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta permezz tal-kapitolu prezentat, it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' disa' mija u tletin lira Maltija (Lm930.00), bl-imghaxijiet legali mill-15 ta' Mejju, 2003 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 26 ta' Lulju, 2003, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------